MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Avviz Numru. 338/2008

**Avviz Nru. : 338/09CSH**

**Stefanie Scicluna**

**-vs-**

**Robert Attard**

**Seduta ta' nhar is-27 t'April, 2010.**

**Il-Qorti,:**

Rat li nhar l-ghaxra t'Ottubru, 2008, l-attrici pprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut Robert Attard, ihallasha s-somma ta' hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin Euro (€5823) rapprezentanti hlasijiet maghmula mill-attrici in konnessjoni ma' tqeghid ta'

madum fil-fond tal-konvenut u hlas ta' kamra tal-banju ordnata mill-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta pprezentata mill-konvenut Robert Attard nhar l-ghaxra ta' Novembru, 2008 fejn espona s-segwenti:

*1. Illi fl-ewwel lok it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u hija vessatorja u intempestiva fin-natura taghha, stante illi kienet ir-rikorrenti stess illi ordnat l-imsemmija kamra tal-banju, kontra r-rieda tal-intimat, li da parti tieghu qatt ma rrifjuta li jaghtiha lura l-istess, stante illi din qatt ma twahhlet fil-post fil-fond tal-konvenut;*

*2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju, a rigward tal-madum, l-intimat umilment jissottometti illi huwa jinsisti illi jigu ezebiti d-debiti ricevuti jew alternattivament prospett dettaljat ta' l-infieq li qed tallega li zbursjat l-attrici, stante illi l-intimat qed jikkontesta l-ammont minnha pretiz;*

*3. Illi ghalhekk l-attrici ghandha tispecifika kif waslet ghas-somma minnha pretiza;*

*4. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-kawza giet intavolata meta l-partijiet kienu ghaddejjin bi trattativi bejniethom, sabiex isolvu din il-vertenza bonarjament.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk u meta jkun il-kaz, inkluz meta l-attrici tipprezenta l-prospett tas-somma minnha pretiza.*

Rat li fis-seduta ta' nhar it-Tnejn dsatax (19) ta' Jannar 2009 xehdet l-attrici **Stefanie Scicluna** ( a fol. 24 et seq) u pprezentat numru ta' ricevuti li jirrigwardaw il-hlasijiet li hija ghamlet in konnessjoni mal-kamra tal-banju li tinsab ghand il-konvenut, liema refusjoni qed tippretendi minghandu. Saritilha referenza ghac-cekk mahrug favur Karamit datat 25 t'April, 2008 fl-ammont ta' elfejn u tnejn u

ghoxrin Ewro, u hi spjegat li dan ic-cekk huwa ffirmat minn ommha Maria Iris Scicluna peress li kienet sellfitha dawn il-flus.

Esebiet ukoll statement tal-kont bankarju taghha mal-Bank of Valletta, liema statement gie mmarkat bhala Dok SS9. Qalet li fuq dan l-istatement hemm indikat il-hlasijiet cash li saru lil min qieghedilhom il-madum. Ikkonfermat li sal-lum il-konvenut ma taha xejn minn dawn il-flus lura u ziediet li fil-fatt l-konvenut kien qalilha li kien lest li jtiha l-kamra tal-banju lura, pero' hi ma rieditiex ghaliex din il-kamra tal-banju kienet ordnata biex titwahhal fil-post tieghu.

Rat ukoll li fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2009 kienet xehdet **Maria Iris Scicluna** (a fol. 26 et seq.) li giet murija kopja ta' cekk li jinsab inserit fl-atti bhala Dok S8, u kkonfermat li dan ic-cekk inhareg minn kont intestat Mr. M. and Mrs. I. Scicluna mal-HSBC u li ffirmat minnha stess. Ikkonfermat ukoll li l-attrici Stefanie Scicluna tigi bintha u li l-flus tac-cekk kienet sellfithom lill-partijiet sabiex ikunu jistghu jixtru l-kamra tal-banju li kellha titwahhal gol-post tal-konvenut.

Sussegwentement rat illi fis-sbatax (17) ta' Frar 2009 xehed **Emanuel Rotin** (a fol. 28) fejn spjega li huwa jaghmel xoghol ta' *handy-man* u *tile layer* u li jahdem ghal rasu. Gie muri dokument SS1 (a fol. 12 tal-atti) u kkonferma li din hija ricevuta tal-VAT mahruga minnu ghax- xoghol li sar gewwa l-Mellieha u li ghalih kien thallas minn Stefanie Scicluna.

Rat ukoll illi waqt is-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' April, 2009 xehdet **Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-HSBC, wara li l-Qorti ezentata mis-sigriet professjonali bankarju taghha. Hija esebiet kopja tac-cekk numru 45 mahrug f'isem Mr. M. and Mrs. I. Scicluna kont numru 61080941001 fl-ammont ta' elfejn u tnejn u ghoxrin Ewro (€2022). Din il-kopja giet immarkata bhala Dokument Z. Kompliet tghid li mir-*records* tal-bank jirrizulta li dan ic-cekk, li huwa ntestat lis-socjeta' Keramit, fil-fatt issarraf.

Kompliet tikkonferma li l-kont jghajjat lil Mr. M. and Mrs. I. Scicluna.

Dakinhar tad-dsatax (19) ta’ Novembru 2009 xehed **Carmelino Pisani** (a fol. 44) fejn qal li huwa jiggestixxi n-negozju bl-isem Keramit Bathroom Centre li jinsab gewwa Triq Dun Karm, fil-by-pass tal-Iklin. Qal ukoll li huwa kellu ordni mahduma fuq tliet karti li ggib in-numru 16131 u li ggib ir-*receipt* number 11142, fl-ammont ta’ elfejn sitt mija u tnejn u sebghin Ewro (€2672) rapprezentati d-depositu u bilanc fuq kamra tal-banju u madum tal-kamra tal-banju. Spjega li l-hlas effettiv sar permezz ta’ cekk bin-numru 45 tal-HSBC, kont numru 61080941001 f’isem Mr. M and Mrs. I Scicluna, li huwa datat 25 ta’ April, 2008 u li jinsab esebit fl-atti a fol. 22. Qal ukoll li apparti dan ic-cekk dakinhar kien ircieva wkoll is-somma ta’ sitt mitt Ewro (€600) flus kontanti.

Fl-istess seduta tad-dsatax ta’ Novembru 2009 xehed ukoll il-konvenut **Robert Attard** (a fol. 43) fejn qal li huwa proprjetarju tal-post numru 68, Triq l-Ghasel, Mellieha. Filwaqt li qal li huwa kien gharus lill-attrici, kkonferma li kienu nxtraw l-affarijiet ghall-kamra tal-banju ghal go fih, pero’ qal li dawn ghadhom ma twahhlux.

Imbaghad kompla jixhed fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Marzu, 2010, fejn rega’ kkonferma li huwa u l-attrici kellhom relazzjoni u sahansitra kienu waslu biex jizzewgu, izda mbaghad xi sena u xahar qabel iz-zwieg l-attrici hassret din ir-relazzjoni. Qal li fil-post fejn kienu se jmorru jghixu, li huwa proprjeta’ tieghu, kien sar xi xoghol f’wahda mill-kmamar tal-banju. Qal li dan il-post fih zewg kmamar tal-banju u fil-fatt xoghol sar fuq kwazi nofs kamra minnhom, filwaqt li fl-ohra ma sar xejn. Huwa qal ukoll li dan ix-xoghol sar minn Manuel Rotin, li jigi z-ziju tal-attrici Stefanie Scicluna, izda dan tax-xoghol li ghamel thallas ferm iktar minn stima li kien gab hu (il-konvenut). Zied li huwa minnu li ghal dan ix-xoghol, u ghax-xoghol kollu li sar fil-post kienet hallset l-attrici. F’din il-kamra tal-banju, qal, jonqos li jitwahhal il-madum tal-art u ssir it-targa li hemm imsemmija a fol. 13 tal-process. Il-konvenut hawnhekk esebixxa stima mahruga minn certu

Paul Mifsud tal-prezzijiet li hu kien gab qabel saru x-xoghlijiet f'din il-kamra tal-banju, li giet immarkata bhala Dokument Z. Meta gie mistoqsi ghaliex fil-fatt tqabbad Manuel Rotin, huwa wiegeb li kienet l-sttrici li xtaqet li jqabbdu lilu peress li kienet taf x'tip ta' xoghol jaghmel, u ghalhekk qabbdu lilu. Barra minn hekk zied li peress li kienet offriet li thallas hi (l-attrici), hu ma sabx oggezzjoni, u kkonferma li x-xoghol sar tajjeb.

B'referenza ghal zewg vireg li saru wahda mal-art u l-ohra madwar it-tieqa, qal li taghhom Rotin kienet zammilhom ghaxar Ewro (€10) u hames Ewro (€5) rispettivament, u spjega li dawn huma kollha spejjez zejda, ghaliex normalment dawn it-tip ta' vireg imorru max-xoghol. Imbaghad semma t-tieni kamra tal-banju, li ghadha ma saritx, u qal li effettivament kienet thallset minn omm Stefanie Scicluna u hu kien hallas id-deposit fuqha li kien jammonta ghal sitt mija u hamsin Ewro (€650). Hawnhekk huwa esebixxa dokument mahrug mill-bank li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument X, li juri li fit-tmienja (8) t'April, 2008 huwa kien gibed is-somma ta' hames mitt Ewro (€500) mill-kont tieghu, u qal li sussegwentement kien gibed mija u hamsin Ewro (€150) ohra.

Gie mistoqsi ghaliex l-attrici riedet twaqqaf ir-relazzjoni ta' bejniethom u hu stqarr li r-raguni ghadu sal-lum ma jafx x'inhi. Ghadda biex jispjega li huma kienu jmorru jduru biex jaraw il-kmamar tal-banju izda mbaghad iddecidew li ma jaghmluhiex minhabba raguni ta' finanzi. In segwitu omm l-attrici, s-Sinjura Scicluna kienet offriet li thallasha hi u li setghu jaghmluha wara t-tieg bil-flus li jaqilghu. Izda mbaghad peress li t-tieg thassar, il-kamra tal-banju ma saritx. Qal li fil-fatt din il-kamra tal-banju ghadha ghandu. Qal li huma kienu ghazluha flimkien ghalkemm hu ma tanx kien qabel ma' din l-ghazla ghaliex dehrlu li kienet tiswa wisq meta tqis li kienet it-tieni kamra tal-banju. Mistoqsi jekk wara li saru x-xoghlijiet is-Sur Rotin kienx offrielu li jaghmillu l-art tal-kamra tal-banju li kienet diga' mhallsa, l-konvenut qal li hu lis-Sur Rotin qatt ma kellmu izjed u allura ma setax ghamillu din l-offerta. Mistoqsi wkoll min kien fetah lill-haddiema biex idahhlu l-affarijet tal-kamra tal-banju, huwa wiegeb li kienet l-attric li

ghamlet dan. Cahad li din kienet tatu xi flus biex jaghti d-deposit lil Keramit, anzi nsista li kif qal precedentement kien irtira l-flus mill-bank. Imbaghad ghall-mistoqsija jekk jafx li dakinhar ukoll l-attrici kienet gibdet mill-bank l-istess ammont, hu stqarr li ma jafx.

Rat li fid-disgha u ghoxrin ta' Marzu, 2010 xehdet l-attrici **Stefanie Scicluna** 'n kontro-ezami, fejn qalet li huwa minnu li hi hasset li kellha ttemm ir-relazzjoni taghha mal-konvenut, peress li kienet qeghda thoss li mhumiex jaqblu bejniethom. Cahdet li s-sitt mija u hamsin Ewro (€650) li kienu taw lil Keramit kien hallashom l-konvenut, anzi nsistiet li kienet hallsithom hi cash. Ghamlet referenza ghal dokument esebit a fol. 23 tal-atti li jindika l-flus li hija kienet gibdet mill-kont taghha ghat-tqeghid tal-madum u ghad-deposit tal-kamra tal-banju u kkonfermat li Manuel Rotin li hadem fuq din il-kamra tal-banju, jigi z-ziju taghha. Qalet li ma tiftakarx li l-attur kien gab xi stima fejn ix-xoghlijiet kienu se jisewew inqas, pero' qalet ukoll li fil-fatt il-konvenut kien qabel maghha li kellhom iqabbdu liz-ziju taghha ghax-xoghol u fil-fatt hekk sar. Qalet li taqbel mal-konvenut li huma kien ftehmu li t-tieni kamra tal-banju ma ssirx, izda qalet li meta ommha sellfithom il-flus biex jixtruha, l-konvenut kien kuntent b'dan.

Il-Qorti rat li fis-seduta tad-disgha u ghoxrin ta' Marzu, 2010 il-konvenut iddikjara li ma kellux izjed provi x'iressaq u ghalhekk setghet tghaddi biex taghti s-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jidher li hemm qbil bejn il-partijet li l-kamra tal-banju li xtraw il-kontendenti, waqt li kienu gharajjes, tinsab fil-pusess tal-konvenut. Jidher li hemm qbil ukoll li omm l-attrici, Iris Scicluna, kienet ghamlet pagament fuq il-kamra tal-banju mixtrija mill-kontendenti fl-ammont ta' elfejn u tnejn u ghoxrin Ewro (€2022) kif jirrizulta mid-dokument Z esebit fl-atti. Dwar dan ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni. Il-konvenut pero' jghid li huwa ma xtaqx jixtri din il-kamra tal-banju qabel ma jizzewweg izda mbaghad, meta s-Sinjura Scicluna offriet li thallas, accetta u in effetti din inxtrat. Ma jidhirx

pero' li hemm qbil dwar id-deposit li kien sar ghal din l-istess kamra tal-banju, ghaliex filwaqt li l-attrici tghid li hija hallset id-deposit, il-konvenut ighid li kien hu li ghamel id-deposit. Ghalhekk l-uniku konflitt li jirrizulta li hemm dwar il-*quantum* huwa dwar min effettivament hallas id-deposit.

Issa hi fil-fatt gurisprudenza pacifika li min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti (Vol**.XL1X p11 p 776**). Fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (**Vol.XXXV11 p1 p 525**), jekk ma jigix pruvat – kif *del resto* ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV p 111 p 604; <u>Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe</u>**, Appell ,28 ta' Jannar 2000).

Naturalment l-attrici li tallega d-debitu ghandha fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li tipprova l-kreditu minnha vantat. Inkella fin-nuqqas li taghmel dan, jibqa' jimpera l-principju '*actor non probante reus absolvitur'.*

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc nhar is-26 ta' Jannar 1976 fl-ismijiet **<u>Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Porteli noe</u>** **"***Il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hu jista' jaghmel b'kull mezz billi l-produzzjoni ta' ricevuta mhiex dispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti."*

M'hemmx dubbju li l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attrici mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hi qed tallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Mejju 1970 fl-ismijiet **<u>Manuel zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri</u>** u konfermat fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri per Onor. Imh Ph. Sciberras) nhar id-19 ta' Mejju 2004 fl-ismijet **<u>Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace</u>** **'***F'kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-*

*principju "actore non probante reus absolvitur". L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in excipiendo fit actor", ghax jerga' jinghad*, *l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

Issa f'dan il-kaz l-attrici esebiet l-ircevuta dwar il-hlas li kien sar lis-socjeta' Keramit nhar il-25 ta' April 2008 fl-ammont ta' elfejn sitt mija u tnejn u sebghin Ewro (EURO 2672). Illi dan il-fatt huwa konfermat kemm minn Carmelino Pisani, direttur tas-socjeta' Keramit, li kkonferma li kien ircieva dan l-ammont ta' flus f'cekk fis-somma ta' elfejn u tnejn u ghoxrin Ewro (€2022) mahrug f'isem Mr. & Mrs. Iris Scicluna (il-ġenituri tal-attrici) u sitt mitt Ewro (€600) flus kontanti, ghalkemm fir-ricevuta li hareg a fol 20 ighid li deposit sar fl-ammont ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650) u mhux sitt mitt Ewro (€600).

Issa kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut jghidu li huma hargu il-flus kontanti fis-somma ta' sitt mija u hamsin Ewro. L-attrici pprezentat kopja tal-i*statement* tal-bank taghha sabiex tindika lil Qorti li nhar id-19 t'April 2010 hija ritirat mill-kont bankarju taghha s-somma ta' hames mitt Ewro (€500) sabiex tghaddihom lis-socjeta' Keramit flimkien ma' mija u hamsin Ewro (€150) cash ohra li kellha. Il-konvenut fix-xhieda tieghu li giet kontradetta mill-attrici jghid li kien irtira s-somma ta' hames mitt Ewro (€500) mill-kont bankarju tieghu nhar it-8 t'April 2010 u zied mieghu s-somma ta' mija u hamsin Ewro (€150) cash sabiex b'hekk huwa ta lis-socjeta' Keramit is-somma komplessiva ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650) flus kontanti dakinhar li marru jixtru l-kamra tal-banju.

Li dwar il-pagament li sar lil Emmanuel Rotin nhar l-10 ta' Mejju 2008 fis-somma ta' tlett elef mija u tliet Ewro u tmintax-il centezmu (€3,103.18) ma jidhirx li hemm kontestazzjoni, u cioe' li din is-somma flus inghatat lilu mill-attrici, kif *del resto* jirrizulta mir-ricevuta mahruga f'isem l-attrici DokSS1 a fol. 12. Il-konvenut ighid li dan Rotin zammilhom izzejjed ghaliex huwa fil-fatt kellu stima tax-xoghol li kien jindika li x-xoghol kellu jiswa hafna

inqas. L-attrici dwar dan tghid li ma kienx minnu ghaliex stimi qatt ma rat, u li huma riedu lil dan Rotin ghaliex hija kienet taf it-tip ta' xoghol li jaghmel u kellha fiducja fih, u l-konvenut ma kienx oggezzjona u kien ghalhekk li kienu qabbduh jinstalla l-kamra tal-banju. Il-konvenut joggezzjona wkoll ghal xi hlas li sar ghal vireg, ghaliex fil-fehma tieghu dan kellu jkun inkluz fil-prezz globali li gie mitlub ihallas u mhux ihallas zejjed ghalihom. Dwar dan ukoll il-Qorti temmen li jekk l-attrici hallset ghalihom ghandha dritt tigi kumpensata ghal tali hlas.

Illi ghalhekk rejalment l-unika nuqqas ta' qbil li hemm bejn il-partjiet huwa dwar min hallas id-deposit tal-kamara tal-banju fl-ammont ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650) u dan peress li l-kontendenti t-tnejn ighidu li hallsu dan id-deposit.

Hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti (**Vol. XLIX P II p 776**). Fid-dubju u fin-nuqqus ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (**Vol. XXXVII P I p 525**), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV P III p 604; "Desmond Mizzi noe –vs- Patrick Filletti pro et noe"**, Appell, 28 ta' Jannar 2000);

Naturalment l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju "*actor non probante, reus absolvitur*";

Qabel kull riflessjoni li jehtigilha ssir fuq il-provi akkwiziti, ma jkunx inopportun jekk jigi ri-affermat il-principju illi fejn konvenut jikkontraponi difiza bbazata fuq hlas, bi kwalsiasi mod l-oneru tal-prova tal-pagament jew kompensazzjoni hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Hu wkoll generalment accettat illi f' kaz ta' dubbju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru (**Vol. XXXV P III p 604**).

Dan ghaliex kif jinsab ritenut ghal prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, m'hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi ppruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali. Ara Kollez. **Vol XXXII pI p525**; "**Av. Dr. John Buttigieg noe -vs- Joseph Portelli pro et noe**", App. Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; "**John Cini –vs- Rita Camilleri**", App. Kumm, 28 ta' Lulju 1982.

Tajjeb li jigi sottolinejat ukoll illi ghalkemm kif dejjem jigi rilevat, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut, ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-ahhar tal-kawza, ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Ara a propozitu d-decizjoniet fl-ismijiet "**Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Prim'Awla, Qorti Civili, 27 ta' Mejju 1970 .

Illi ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilta' tax-xhieda u fuq apprezzament tad-dokumentazzjoni esebita mill-partijiet.

Illi f'dan il-kaz l-attrici xehdet li kienet hi li hallset id-deposit tal-kamra tal-banju, u spjegat kif effettivament irtirat mill-kont bankarju taghha, sitt ijiem qabel, is-somma ta' hames mitt Ewro (€500) sabiex flimkien ma' mija u hamsin Ewro (€150) tghaddihom lis-socjeta' Keramit. Hija esebiet ukoll ir-ricevuti kollha li ghandha 'n konnessjoni ma' dan il-hlas, u cioe' l-*invoice* finali li harget is-socjeta' Keramit li tindika li sar id-deposit ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650) u kopja tac-cekk li harget ommha biex thallas il-bilanc. Min-naha l-ohra l-konvenut stqarr li huwa wkoll hareg is-somma ta' hames mitt Ewro (€500) mill-kont bankarju tieghu, kif *del resto* jirrizulta wkoll mill-i*statement* tal-kont tieghu esebit, u dan fit-8 t'April 2008, pero' m'esebixxa xejn aktar.

Il-Qorti thoss li l-attrici bix-xhieda u d-dokumentazzjoni mressqa minnha rnexxielha tissodisfaha li efffettivament kienet hija li hallset id-deposit.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici rnexxielha tipprova li effettivament hija hallset kemm ghax-xiri tal-kamra tal-banju, li tinsab fil-kustodja tal-konvenut, fl-ammont ta’ elfejn sitt mija u tnejn u sebghin Ewro (€2672), kif ukoll lil Emanuel Rotin fis-somma ta’ tlett elef mija u tliet Euro u tmintax-il centezmu (€3,103.18), li b’kollox jammontaw ghal hamest elef seba’ mija u hamsa u sebghin Ewro u tmintax-il centezmu (€5775.18). Dwar l-allegati pagamenti l-ohra li ghamlet skond r-ricevuti esebiti minha, l-attrici ma qalet xejn u ghalhekk it-talba ghalihom mhux ser tigi kkunsidrata.

**Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qieghda tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ hamest elef hamsa u sebghin Ewro u tmintax-il centesmu (€5,775.18) u konsegwentment qieghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici din l-istess somma hekk likwidata.**

**L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu kollha mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------